

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 10.9.2009
KUMM(2009) 475 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Żieda fil-finanzjament internazzjonali għall-klima: Pjan Ewropew għall-ftehim ta'
Kopenhagen**

{SEG(2009) 1172}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL- KUMITAT TAR-REĠJUNI

Żieda fil-finanzjament internazzjonali għall-klima: Pjan Ewropew għall-ftehim ta' Kopenhagen

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-UE stabbiliet l-iktar miri ambizzjużi fid-dinja f'dak li għandu x'jaqsam mal-klima, b'mekkaniżmi vinkolanti li diġà jeżistu li jiggarrantixxu tnaqqis unilaterali ta' 20 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. L-UE impenjat ruħha li dan iżżidu għal tnaqqis ta' 30 % fil-kuntest ta' ftehim globali ġust u ambizzjuż f'Kopenhagen, jekk pajjiżi żviluppanti oħra jikkonmettu rwieħhom għal tnaqqis simili, u jekk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma iktar avvanzati ekonomikament jikkontribwixxu b'mod xieraq skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Imma l-azzjoni min-naħa tal-UE waħedha mhijiex biżżejjed. Ftehim effettiv f'Kopenhagen jesiġi

- tnaqqis ambizzjuż mill-pajjiżi żviluppanti kollha - u jeħtieġ li ħafna minnhom iżidu l-wegħdiet attwali tagħhom,
- azzjonijiet ta' mitigazzjoni xierqa mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk li huma iktar avvanzati ekonomikament, u
- arkitettura globali effikaċi li tagħti l-inċentivi korretti biex jiġi stimulat l-investiment f'ekonomija b'użu baxx tal-karbonju.

Fis-sammit ta' L'Aquila f'Lulju l-Forum tal-Ekonomiji Ewlenin (FEE), li jinkludi l-pajjiżi ewlenin li qed jiżviluppaw, irrikonoxxa l-fehma xjentifika li ż-żieda fit-temperatura medja globali ma tistax taqbeż 2°C. L-isfida f'Kopenhagen se tkun li dan l-għan jitbiddel f'miri konkreti ta' tnaqqis fl-emissjonijiet. Ix-xjenza turi li dan ifisser tnaqqis ta' emissjonijiet globali ta' mill-inqas 50 % meta mqabbla mal-1990 sal-2050 u li l-emissjonijiet globali jridu jilhq u l-oġħla punt sal-2020. Ix-xjenza turi wkoll li dan ifisser li l-pajjiżi żviluppanti jeħtieġu li sal-2020 ikollhom tnaqqis ta' 25-40 % u mill-inqas 80 % sal-2050.

Biex jinkiseb ftehim f'Kopenhagen se jkun essenzjali li jintlaħaq ftehim dwar il-finanzjament. Hemm riskju kbir ħafna li n-negozjati tan-NU jfallu. Il-pajjiżi żviluppanti jistennew li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk li huma iktar avvanzati ekonomikament, jikkontribwixxu għall-isforz ġenerali. Fl-istess ħin, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw iridu jaraw pożizzjoni ċara mill-pajjiżi żviluppanti dwar il-finanzjament għall-mitigazzjoni u l-adattament. Baqa' biss 90 jum għall-ftehim ta' Kopenhagen, għalhekk jeħtieġ li l-UE terġa' tiegħu l-inizjattiva biex tippermetti lin-negozjati jimxu 'l quddiem.

Dan id-dokument qed jipprova jerġa' jiftaħ is-sitwazzjoni attwali blukkata fin-negozjati billi jippreżenta ftehim dwar il-finanzjament għall-klima. F'Marzu 2009, il-Kunsill Ewropew wera biċ-ċar ir-rieda tal-UE li tikkontribwixxi sehem ġust fl-isforz globali tal-finanzjament. L-UE issa għandha timxi pass ieħor 'il quddiem, u tistabbilixxi dawk li x'aktarx se jkun s-sorsi tal-finanzjament, kif se tiddefinixxi kontribuzzjoni ġusta, u kif se torganizza l-finanzjament. Madankollu, għandu jinftiehem li l-ebda figura f'dan id-dokument ma tirrappreżenta proposti formali għall-impenji tal-UE. Il-figuri għandhom jittieħdu bħala indikazzjonijiet tal-grad ta' kobor tal-finanzjament li x'aktarx se jkun meħtieġ fil-każ li f'Kopenhagen jinkiseb riżultat ambizzjuż, b'kontribuzzjonijiet universali mill-pajjiżi żviluppanti u mill-pajjiżi li qed

jiżviluppaw li huma iktar avvanzati ekonomikament, u suq globali tal-karbonju li jwettaq ir-wol tiegħu kompletament.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna jikkunsidraw l-elementi ewlenin li ġejjin:

- Ibbażati fuq l-aqwa stima tal-Kummissjoni, ir-rekwiżiti finanzjarji għall-adattament u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jistgħu jilhqqu madwar € 100 biljun fis-sena sal-2020. Il-finanzjament domestiku (pubbliku u privat) fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, is-suq globali tal-karbonju u l-flussi finanzjarji pubbliċi internazzjonali komplementari kollha għandhom jagħtu sehmhom biex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti. Il-finanzjament domestiku privat u pubbliku jista' jiġġenera bejn 20 u 40 %, is-suq tal-karbonju sa madwar 40 %, u l-finanzjament pubbliku internazzjonali jista' jikkontribwixxi biex ikopri l-kumpliment. Iktar ma l-ftehim ġenerali jkun ambizzjuż f'termini ta' mitigazzjoni, iktar ikun jeħtieġ appoġġ finanzjarju mill-pajjiżi żviluppanti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fl-istess ħin, iktar sistemi ta' limiti massimi u skambji ambizzjużi u mferrxa jiġġeneraw ukoll iktar riżorsi għall-attivitajiet ta' mitigazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
- Is-suq internazzjonali tal-karbonju, jekk jitfassal kif suppost, se joħloq żieda fil-flussi finanzjarji għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fl-2020 jista' b'mod potenzjali jiġġenera sa € 38 biljun fis-sena. Il-ftehim ta' Kopenhagen jeħtieġ li jstabbilixxi mekkaniżmu settorjali tal-ikkreditar ġdid għas-suq tal-karbonju, filwaqt li jiffoka l-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) fuq il-Pajjiżi l-Inqas Żviluppanti. L-UE għandha toħloq inċentivi għal din it-tranżizzjoni skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet;
- Ibbażat fuq l-aqwa stima tal-Kummissjoni, il-finanzjament pubbliku internazzjonali li jvarja bejn € 22 u 50 biljun fis-sena għandu jkun disponibbli fl-2020. Mill-2013, il-kontribuzzjonijiet tal-finanzjament pubbliku għandhom jitqassmu abbażi ta' kemm wieħed jista' jħallas u r-responsabbiltà għall-emissjonijiet u jinkludu pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma iktar avvanzati ekonomikament. Abbażi ta' dawn is-suppożizzjonijiet, is-sehem tal-UE għandu jkun minn madwar 10 % sa madwar 30 % skont il-piż li jingħata lil dawn iż-żewġ kriterji. Fil-każ ta' riżultat pożittiv f'Kopenhagen, il-kontribuzzjoni ġusta tal-UE għalhekk tista' tkun bejn € 2 biljun u €15-il biljun fis-sena fl-2020 skont id-daqs ġenerali tal-finanzjament globali miftiehem u l-piż mogħti lil kull kriteju ta' distribuzzjoni;
- L-appoġġ għall-adattament għandu jagħti prijorità lill-iktar pajjiżi vulnerabbli u foqra li qed jiżviluppaw;
- L-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu jistgħu jipprovdu sors importanti ta' finanzjament innovattiv, u għandhom jiġu esplorati iktar;
- It-tmexxija tal-arkitettura internazzjonali tal-finanzjament tal-futur għandha tkun deċentralizzata u minn isfel għal fuq (bottom-up). Għandha wkoll tkun trasparenti, tippermetti monitoraġġ effikaċi, u għandha tirrispetta l-istandards maqbula għall-effikaċja tal-għajjuna. Forum ġdid ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament Internazzjonali għall-Klima għandu jimmonitorja u janalizza n-nuqqasijiet u l-iżbilanċi fil-finanzjament tal-mitigazzjoni u l-azzjonijiet tal-adattament;
- Il-pajjiżi kollha, minbarra l-pajjiżi l-inqas żviluppanti (LDCs), sal-2011 għandhom jippreparaw pjanijiet ta' tkabbir b'użu baxx tal-karbonju, inklużi għanijiet kredibbli fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul u jippreparaw inventarji annwali tal-gassijiet serra. Sal-2011 l-UE għandha tippreżenta l-pjan ta' tkabbir tagħha b'użu baxx tal-karbonju għall-perjodu sal-2050.
- Bejn l-2010 u l-2012, fil-każ ta' ftehim ta' suċċess f'Kopenhagen, x'aktarx li se jkun meħtieġ finanzjament b'bidu mġaħġġel għall-adattament, il-mitigazzjoni, ir-riċerka u l-bini

tal-kapaċità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jvarja minn € 5 sa 7 biljun fis-sena. Għal dan il-għan, u abbażi tas-suppożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, mill-2010 l-UE għandha tikkunsidra li tagħti kontribuzzjoni immedjata li tvarja minn € 0.5 sa 2.1 biljun fis-sena. Kemm il-baġit tal-UE kif ukoll il-baġits nazzjonali għandhom ikunu lesti biex jikkontribwixxu għal dan il-finanzjament;

- Għall-perjodu ta' wara l-2012, u bħala parti mill-pakkett ta' proposti għall-qafas finanzjarju li jmiss, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta għal offerta waħda globali tal-UE, inkluż jekk hijiex se tiffinanzja t-tali offerta mill-2013 fi ħdan il-baġit, jew jekk hijiex se tistabbilixxi Fond għall-Klima separat, bħala parti mill-pakkett ta' proposti għall-qafas finanzjarju ta' wara l-2013, jew taħlita tat-tnejn. Fil-każ li jintuża l-baġit tal-UE, se jkun meħtieġ ukoll li tiġi proposta soluzzjoni temporanja għas-sena 2013, koperta bil-qafas finanzjarju attwali, . Kontribuzzjonijiet diretti mill-Istati Membri individwali jistgħu jiffurmaw ukoll sors importanti tal-finanzjament tal-UE bħala parti mill-isforz ġenerali tal-UE. Il-preferenza ċara tal-Kummissjoni tkun li tuża l-baġit tal-UE, li tippermetti wkoll lill-Parlament Ewropew iwettaq ir-rwol tiegħu kompletament.;
- Jekk il-baġit tal-UE ma jintużax, il-qsim tal-kontribuzzjonijiet fl-UE għandu jsegwi l-istess prinċipji ta' kontribuzzjoni bħal dak tal-livell internazzjonali, b'konsiderazzjoni ta' ċirkustanzi speċjali tal-Istati Membri.

L-iskala tal-kontribuzzjonijiet internazzjonali għall-finanzjament pubbliku għandha tkun sinifikanti imma ma tridx tkun esaġerata. Pereżempju, l-iskala tal-kontribuzzjonijiet possibbli tal-UE ta' finanzjament pubbliku meħtieġa għandha tkun sostanzjalment iżgħar minn dik li x'aktarx irċevew il-baġits nazzjonali mid-dħul tal-irkant. Barra minn hekk, f'termini ġenerali, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima tiswa ħafna inqas flus mit-ttrattament tal-konsegwenzi.

2. ĠENERAZZJONI TA' FLUSSI FINANZJARJI ADEGWATI

L-iskala tal-flussi finanzjarji meħtieġa għall-adattament u l-mitigazzjoni hija stmata għal madwar € 100 biljun fis-sena sal-2020¹. Din is-somma ta' spiss titqies b'mod żbaljat li hija l-kontribuzzjoni meħtieġa mill-baġits pubbliċi tal-pajjiżi żviluppati. Hemm varjetà ta' sorsi differenti li jistgħu jkun mistennija li jikkontribwixxu:

- finanzjament domestiku (pubbliku u privat);
- flussi li jinħolqu mis-suq tal-karbonju;
- flussi ta' finanzjament pubbliku internazzjonali.

B'mod ċar, iktar żvilupp u tkabbir tas-suq tal-karbonju se jkun kritiċi biex jassiguraw ir-riżorsi meħtieġa. Is-suq attwali tal-karbonju beda flussi finanzjarju lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw stmati għal € 4.5 biljun fl-2008, fejn 75 % tad-domanda kienet ġejja mis-settur privat tal-UE minħabba is-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet². Dan għandu jkun il-mezz ewlieni għall-finanzjament għall-karbonju tas-settur privat biex jappoġġa l-attivitajiet ta' mitigazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan jippermetti li l-finanzjament pubbliku jiffoka fuq perjodu ta' żmien qasir u medju u lil hinn fl-adattament, il-bini tal-kapaċità u r-riċerka tat-teknoloġija, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni – u biex jgħin biex jinħolqu

¹ Ara l-Kapitolu 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

² Adattat minn: Il-Bank Dinji, l-Istat u t-tendenzi tas-suq tal-karbonju 2009 http://siteresources.worldbank.org/EXTCARBONFINANCE/Resources/State_and_Trends_of_the_Carbon_Market_2009-FINALb.pdf.

investiment fis-settur privat, eż. billi jkopri l-ħtiġijiet finanzjarji waqt l-użu bikri ta' teknoloġiji ġodda.

Iktar ma s-suq tal-karbonju jkun jista' jipprovdi, inqas għandha tkun id-domanda fuq il-finanzjament pubbliku. Din hija r-raġuni għala suq tal-karbonju li jaħdem kif suppost b'miri ambizzjużi huwa daqshekk importanti, u għala pajjiżi iktar avvanzati li qed jiżviluppaw għandhom isegwu t-tendenza tal-OECD u jintroduċu s-sistemi ta' limiti massimi u skambji.

2.1. Mobilizzazzjoni tal-finanzjament domestiku

Il-finanzjament domestiku privat se jikkostitwixxi parti kbira mill-investimenti meħtieġa, mhux biss fil-pajjiżi żviluppati imma wkoll f'dawk li qed jiżviluppaw. Bħala grupp, sal-2020 il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jillimitaw it-tkabbir tal-emissjonijiet tagħhom b'madwar 15 sa 30 % inqas mis-soltu. Parti kbira mill-investiment meħtieġ diġà hija vijabbli kummerċjalment – fejn l-investiment addizzjonali jipatti permezz tal-kontijiet imnaqqsin tal-elettriku. Pereżempju, il-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija bi prezz baxx jistgħu jirriżultaw f'żewġ terzi tat-tnaqqis potenzjali fl-emissjonijiet fis-settur tal-enerġija³. L-investiment privat fis-settur tal-enerġija jista' jiġi stimulat permezz tal-istabiliment ta' qafas politiku tajjeb, inkluż l-istabiliment ta' sistemi għall-iskambju tal-emissjonijiet li jkopru s-setturi tal-emissjonijiet, ir-regolamenti nazzjonali u l-inċentivi finanzjarji ewlenin. Ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw diġà qed jintroduċu standards ta' effiċjenza fl-enerġija li jaqbzū t-teknoloġiji intensivi ta' karbonju antiki. Strumenti innovattivi oħra jistgħu jħeġġu l-investimenti privati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Pereżempju, id-Direttiva tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli⁴ tippromwovi investimenti f'infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli ġdida fl-Afrika ta' Fuq.

Barra minn hekk, ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk li huma iktar avvanzati ekonomikament, għandhom biżżejjed riżorsi ta' finanzjament tagħhom stess għad-dispożizzjoni biex jistimulaw l-investiment domestiku meħtieġ. Il-Brażil, pereżempju, diġà ħabbar li se jġarrab parti sinifikanti tal-ispejjeż tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-deforestazzjoni.

Parti kbira tal-finanzjament għall-adattament tista' tiġi wkoll mid-djar privati u l-kumpaniji privati għax huwa fl-interess ekonomiku tagħhom stess. Billi jnaqqsu l-esponiment għar-riskju huma jiżguraw li l-assi privati tagħhom, bħall-bini, ikunu iktar adattati għall-klima. Madankollu, l-ifqar pajjiżi, b'mod partikolari l-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs), flimkien mal-ifqar partijiet tal-popolazzjonijiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, mhux se jkollhom biżżejjed mezzi biex jinvestu fl-adattament biex ikampaw mal-effetti avversi tat-tibdil fil-klima. Huma se jiddependu ħafna fuq l-assistenza pubblika, kemm domestika kif ukoll internazzjonali.

2.2. Użu sħiħ tas-suq tal-karbonju


Is-suq internazzjonali tal-karbonju wera li huwa għodda effikaċi biex joħloq l-investiment fis-settur privat fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li jippermetti lill-pajjiżi żviluppati jiksbu l-miri tagħhom ta' tnaqqis fl-emissjonijiet b'mod iktar ekonomiku. Naturalment, ħafna mill-flussi finanzjarji għenu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'potenzjal sinifikanti ta' tnaqqis ta' emissjonijiet. Biex jiġi żgurat żvilupp dinamiku tas-suq internazzjonali tal-karbonju (kif muri fil-figura 1), il-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) eżistenti jeħtieġ li jiġi rriformat sostanzjalment u jiffoka fuq l-LCDs. Barra minn hekk, għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma

³ Ara SEG(2009) 101.

⁴ Id-Direttiva 2009/28/KE.

iktar avvanzati ekonomikament u għas-setturi ekonomiċi kompetittivi ħafna, il-mekkaniżmu settorjali tal-ikkreditar għas-suq tal-karbonju għandu jiddaħħal gradwalment wara l-2012⁵.

Figura 1: Żvilupp gradwali tas-suq globali tal-karbonju



Lil hinn mill-approċċ ibbażat fuq il-proġett, dan il-mekkaniżmu settorjali ġdid jista' u għandu jwassal għal żieda sinifikanti ta' investiment f'teknoloġiji b'użu baxx tal-karbonju fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jikkunsidra l-kapaċità tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jieħdu azzjoni f'dawk is-setturi. Il-forza li tista' twassal għal dawn l-investimenti hija prezz tal-karbonju robust fuq perjodu ta' żmien medju fil-pajjiżi tal-OECD.

It-tali investimenti jsiru bħala sostituzzjoni għat-tnaqqis fil-pajjiżi żviluppati (l-hekk imsejjaħ 'bilanċjar' (off-setting)). Għalhekk, il-ksib ta' krediti tal-ibbilanċjar ma jstax jingħadd favur l-appoġġ ta' finanzjament pubbliku li l-pajjiżi żviluppati jwiegħdu flimkien mal-miri tat-tnaqqis tagħhom, minħabba li dan effettivament jgħodd it-tali bilanċjari darbejn.

Madankollu, huwa utli li jiġu identifikati u rrapportati l-krediti tal-ibbilanċjar bħala flussi finanzjarji distinti lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ir-rikonoxximent tal-flussi finanzjarji mill-krediti tal-ibbilanċjar se jeħtieġu li jkunu bbażati fuq valutazzjoni tal-flussi netti totali (imkejla f'tunnellati) fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż u bil-prezzijiet medji tas-suq. Ikun mixtieq li din il-valutazzjoni tkun ibbażata fuq mekkaniżmi eżistenti ta' rappurtar dwar it-trasferiment finanzjarju lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, eż. ir-rappurtar tal-OECD DAC, minflok ma jinħolqu rekwiżiti ta' rappurtar indipendenti ġodda.

Is-suq internazzjonali tal-karbonju jiġġenera diversi benefiċċji. L-istabbiliment ta' suq tal-karbonju b'mira ta' tnaqqis ta' 30 % għall-grupp tal-pajjiżi żviluppati jnaqqas l-ispejjeż globali tal-mitigazzjoni b'madwar kwart sal-2020. Fl-istess ħin, jiġġenera flussi finanzjarji għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jammontaw għal madwar € 38 biljun fis-sena⁶. Barra minn hekk, id-domanda għall-krediti tal-ibbilanċjar qed toħloq diversi effetti minħabba li toħloq iktar finanzjament ta' karbonju f'investimenti ta' żvilupp b'użu baxx tal-karbonju.

⁵ Ara l-Kapitolu 4 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

⁶ Ara l-Kapitolu 3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

L-iskala potenzjali tal-flussi finanzjarji mmobilizzata mis-suq tal-karbonju tiddependi fuq għadd ta' elementi ewlenin tal-arkitettura tal-ftehim ta' Kopenhagen. Sabiex jiġi promoss suq tal-karbonju robust li jiġġenera finanzjament skont l-iskala fis-snin li ġejjin, il-partijiet li qed jinneogzjaw jeħtieġu li jaħdmu biex jilhqqu livell għoli ta' ambizzjoni ta' miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mill-pajjiżi żviluppatti, iridu jikkunsidraw jew jirtiraw dak li jkun fadlilhom mill-Unitajiet tal-Ammonti Assenjati mill-ewwel perjodu ta' impenn, u jstabbilixxu livelli tal-bidu ambizzjużi għall-metodi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-perjodu bejn l-2013 u l-2020⁷. Inkella, il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fil-pajjiżi kollha fl-Anness I ma jagħtix prezz għall-karbonju. Fil-perjodu bejn l-2008 u l-2012, il-prezz tal-karbonju u l-flussi finanzjarji għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma fil-biċċa l-kbira riżultat tal-azzjoni tal-UE – jiġifieri l-istabbiliment ta' limitu robust għall-perjodu bejn l-2008 u l-2020 u nuqqas ta' rikonoxximent għall-AAUs fl-iskema tal-UE għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet. Għalhekk, huwa ta' importanza vitali għas-suq tal-karbonju emerġenti fl-OECD kollha li jiżola s-sistemi ta' limiti massimi u skambji relatati minn dak li jkun fadal mill-AAUs.

2.3. Stabbiliment tal-iskala ta' finanzjament pubbliku internazzjonali

Inqas ma jkun ir-rendiment tas-suq tal-karbonju, iktar ma tkun għolja d-domanda għall-finanzjament pubbliku għall-mitigazzjoni. Madankollu, minħabba li f'dan l-istadju d-daqs tas-suq tal-karbonju ma jstax ikun imbassar b'ċertezza, id-domanda addizzjonali fuq il-finanzjament pubbliku għadha ma tistax tiġi ddeterminata. Fil-fatt, din hija waħda mir-raġunijiet ewlenin għala hija meħtieġa analiżi regolari, permezz tal-Forum ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament Internazzjonali għall-Klima propost (ara l-Kapitolu 4).

L-ammont ta' finanzjament pubbliku meħtieġ għall-mitigazzjoni x'aktarx li jizjed gradwalment u bla dubju, se jkun marbut mal-kobor tal-ambizzjoni ta' azzjonijiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Immedjatament wara l-ftehim f'Kopenhagen, għandu jiffoka primarjament fuq il-bini tal-kapaċità, partikolarment biex jissaħħu l-kapaċitajiet istituzzjonali u regolatorji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u fuq azzjonijiet pilota magħżula. Mill-2013, id-domanda għall-finanzjament pubbliku internazzjonali x'aktarx li tiżdied bl-implimentazzjoni ta' għadd dejjem jikber ta' pjanijiet ta' azzjoni ta' mitigazzjoni robusti. Se jkollu wkoll jiġi pprovdut finanzjament pubbliku sinifikanti biex jistimula investiment fis-settur privat fir-riċerka, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni, l-iktar permezz ta' sħubiji pubbliċi u privati u inizjattivi konġunti bejn il-pajjiżi żviluppatti u dawk li qed jiżviluppaw.

Għal analiżi iktar dettaljata tal-ħtiġijiet, ara t-Tabella 1:

- Spejjeż addizzjonali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw fis-settur tal-enerġija u l-industrija li ma jstgħux jiġu koperti mis-suq tal-karbonju ġew stmati mill-Kummissjoni li jammontaw għal madwar € 33 biljun fis-sena għall-2020⁸. Madankollu, dan jippreżenta b'mod predominanti miżuri ta' effiċjenza bi prezzijiet baxxi, li ħafna minnhom iridu jiġu ffinanzjati domestikament, bażikament mis-sorsi privati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ikun meħtieġ li parti żgħira biss minn dawn l-ispejjeż addizzjonali, 10 sa 20 %, tiġi ffinanzjata mill-appoġġ pubbliku internazzjonali sal-2020 b'iffukar fuq il-pajjiżi ifqar li qed jiżviluppaw (€ 3 sa 6 biljun).
- L-ispejjeż addizzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mhux tas-CO₂ mill-agrikoltura u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti (REDD) huma stmati mill-Kummissjoni li jammontaw għal madwar € 23 biljun fis-sena⁹. Il-

⁷ Ara l-Kapitolu 7 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

⁸ Ara l-Kapitolu 3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

⁹ Ara l-Kapitolu 3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

finanzjament pubbliku se jkun l-inċentiv predominanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sal-2020. Minħabba li ħafna mill-potenzjal tal-mitigazzjoni jista' jinsab speċjalment fil-pajjiżi ifqar li qed jiżviluppaw, il-finanzjament pubbliku internazzjonali jista' jkun mistenni li jkopri parti ikbar tal-ispejjeż addizzjonali meta mqabbel mas-settur tal-enerġija, jiġifieri 30 sa 60 % (€ 7 sa 14-il biljun). Għal din il-ġhan, f'Komunikazzjoni preċedenti l-Kummissjoni pproponiet l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu Globali tal-Karbonju tal-Foresti¹⁰.

- Meta dawn is-setturi jitqiesu flimkien, l-ewwel stima ta' trasferimenti pubbliċi globali għall-2020 għall-mitigazzjoni tista' tvarja minn € 10 sa 20 biljun fis-sena fl-2020, b'madwar terz tal-ammont fl-2013. Madankollu, kemm minn dawn il-flussi se jimmaterjalizzaw verament jiddependi b'mod kruċjali fuq id-disponibbiltà u l-kwalità tal-pjanijiet ta' tkabbir b'użu baxx tal-karbonju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u, fil-kuntest, tal-posti elaborati għall-azzjonijiet tal-mitigazzjoni.
- Madankollu, kif muri fil-kapitolu preċedenti, meta wieħed jara l-wegħdiet attwali tal-pajjiżi żviluppati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, hemm riskju reali li l-flussi ta' finanzjament għall-karbonju jkunu ferm iktar baxxi. Jekk il-pajjiżi żviluppati ma jirnexx ilhomx ineħħu n-nuqqas bejn il-wegħdiet attwali tagħhom ta' mitigazzjoni u dak li titlob ix-xjenza, se jispiċċaw taħt pressjoni sabiex jiffinanzjaw tnaqqis addizzjonali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Iktar analiżi tindika li jekk jiġi kkompensat it-telf imnaqqas billi titnaqqas il-mira għall-pajjiżi żviluppati minn -30 % għall-inqas livell tal-wegħdiet attwali li huwa madwar -10% inqas mill-1990¹¹, se tkun meħtieġa żieda fit-trasferiment tal-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw ta' madwar € 120 biljun fis-sena fl-2020¹².
- Il-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-bini tal-kapaċità u l-kooperazzjoni għad-dimostrazzjoni tar-riċerka u t-teknoloġija ġie stmat li jammonta għal bejn € 2 u 6 biljun addizzjonali fl-2020.
- Il-finanzjament pubbliku, kemm domestiku kif ukoll internazzjonali, se jkun sors importanti ta' finanzjament għall-adattament fil-pajjiżi ifqar li qed jiżviluppaw. Is-Segretarjat tal-UNFCCC ikkalkula li, fl-2030, l-ispejjeż tal-adattament fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw jistgħu jvarjaw minn €23 sa 54 biljun fis-sena¹³. L-ewwel stima ta' trasferimenti pubbliċi globali għall-2020 tista' tvarja minn € 10 sa 24 biljun fis-sena fl-2020.

Il-finanzjament ta' adattament probabbilment se joriġina primarjament mis-settur pubbliku bħala taħlita tas-sorsi li ġejjin: (i) bħala spejjeż tal-baġit diretti mill-imsieħba li jikkontribwixxu, u (ii) bħala sehem mid-dħulijiet tas-suq tal-karbonju (kif diġà huwa l-każ fil-Fond tal-Adattament). Biex il-finanzjament tal-adattament jimxi b'mod effikaċi, hemm il-ħtieġa li jiġu integrati b'mod strateġiku l-punti ta' tħassib dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fis-setturi kollha tal-istrateġiji nazzjonali tal-iżvilupp. Fi żmien is-sentejn li ġejjin, il-bini tal-kapaċità x'aktarx li se jintalab fi skala suffiċjenti sabiex din l-integrazzjoni tiġi żgurata kif ukoll sabiex jiġu appoġġati l-prijoritajiet definiti diġà fil-pajjiżi ifqar u iktar vulnerabbli.

¹⁰ KUMM(2008) 645.

¹¹ Ara l-Kapitolu 1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

¹² Ibbażat fuq analiżi addizzjonali minn POLES, JRC.

¹³ Is-Segretarjat tal-UNFCCC.

2.4. Finanzjament pubbliku internazzjonali b'bidu mgħaġġel mill-2010 sal-2012

Fil-każ ta' ftehim ġenerali f'Kopenhaġen li jkun jimplika finanzjament pubbliku internazzjonali b'bidu mgħaġġel, il-kontribuzzjonijiet inizjali għandhom jikkonċentraw fuq:

- (1) il-finanzjament tal-proċessi u l-bini tal-kapaċità meħtieġa, pereżempju biex jiġu żviluppati azzjonijiet ta' mitigazzjoni fil-kuntest tal-pjanijiet ta' tkabbir b'użu baxx tal-karbonju, inventarji tal-emissjonijiet, u swieq tal-karbonju li jinkludu l-mekkaniżmu settorjali tal-ikkreditar.
- (2) l-istima tal-impatt li x'aktarx ikun hemm fuq it-tibdil fil-klima, l-integrazzjoni tal-adattament fl-istrateġiji nazzjonali ta' żvilupp u l-finanzjament tal-investimenti ta' prijorità.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li, b'konsiderazzjoni għall-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet identifikati, il-finanzjament addizzjonali għandu jiġi mmobilizzat fuq perjodu ta' żmien qasir biex jipprovdi għall-ħtiġijiet urġenti u li ġew identifikati għall-pajjiżi l-iżjed vulnerabbli li qed jiżviluppaw u b'mod partikolari l-LCDs, l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS) u l-pajjiżi Afrikani (kif iddefinit fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali), inkluża iktar kapaċità ta' tisħiħ għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. Dan l-impenn finanzjarju inizjali għandu jtkabbar progressivament wara l-2012 hekk kif il-ħtiġijiet jiġu kkwantifikati fl-istrateġiji nazzjonali rilevanti, il-kapaċità għall-implimentazzjoni tinbena u jintlaħaq ftehim f'Kopenhaġen dwar skala tal-kontribuzzjonijiet vvalutata.

Ibbażat fuq l-istimi tal-ħtiġijiet differenti tal-finanzjament fi stadji differenti, l-ammont ta' finanzjament pubbliku meħtieġ għall-adattament, il-mitigazzjoni u l-bini tal-kapaċità li għandu jiġi mill-pajjiżi żviluppati bejn l-2010 u l-2012 jista' jkun bejn € 5 u 7 biljuni fis-sena¹⁴.

2.5. Finanzjament innovattiv mill-avjazzjoni internazzjonali u mit-trasport marittimu

Fir-rigward tas-sorsi potenzjali ta' finanzjament, il-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji¹⁵ enfażizza li "jintlaqgħu strumenti globali li jindirizzaw l-emissjonijiet fl-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu". L-użu tal-istrumenti bbażati fuq is-suq biex jindirizzaw l-emissjonijiet minn dawk is-setturi mifruxin mad-dinja kollha għandu potenzjal li jipprovdi sors sinifikanti ta' finanzjament b'appoġġ għall-mitigazzjoni u l-isforzi tal-adattament tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Wieħed mit-tali approċċi huwa s-sistemi ta' limiti massimi u skambji. Alternattiva tista' tkun taxxa fuq l-emissjonijiet.

Jekk, pereżempju, iż-żewġ setturi kienu soġġetti għal limitu fuq l-emissjonijiet tagħhom, id-dħul mill-irkant jista' jinġabar fil-livell internazzjonali u għalhekk isir sors sinifikanti ta' finanzjament għall-appoġġ tal-mitigazzjoni u l-isforzi ta' adattament tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Kontribuzzjoni universali ta' dan it-tip tnaqqas b'mod korrispondenti d-dipendenza fuq il-baġits pubbliċi nazzjonali u l-proċessi rispettivi tal-appropriazzjonijiet annwali.

Madankollu, wieħed għandu jirrikonoxxi l-isfidi li x'aktarx ikollu jaffaċċja fl-istabbiliment tat-tali qafas. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jargumentaw li għandu jkun hemm approċċ differenti biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet minn dawk is-setturi, filwaqt li l-pajjiżi żviluppati huma mħassba dwar it-telf tal-karbonju minħabba l-kompetizzjoni qawwija jekk

¹⁴ Ara l-Kapitolu 5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal għal iktar dettalji dwar l-ambitu tal-attivitatijiet li jistħoqqilhom appoġġ bikri.

¹⁵ Il-Lussemburġ, id-9 ta' Ġunju 2009, l-2948 laqgħa tal-Kunsill.

ikun hemm differenza fit-trattament bejn l-operaturi mill-pajjiżi żviluppata u mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Imma huwa essenzjali li l-qafas jiġi żviluppata fuq livell globali jekk dawn is-setturi se jagħtu kontribuzzjoni valida. Kompromess fattibbli jista' jintlaħaq jekk kulħadd ikun soġġett għall-istess limiti ġenerali b'irkant sħiħ, filwaqt li jerġa' jidher xi dħul mill-irkant lill-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-emissjonijiet u l-kapaċitajiet ekonomiċi rispettivi tagħhom.

2.6. Stabbiliment tal-kontribuzzjonijiet għall-finanzjament pubbliku internazzjonali

Se jkun meħtieġ li s-sorsi pubbliċi jkunu sostanzjali u jiġu f'forom differenti u minn mezzi differenti. Biex ikun żgurat li l-kontribuzzjonijiet ġenerali jammontaw għal dak li huwa mitlub, il-ftehim ta' Kopenhagen għandu jinkludi skala komuni bbażata fuq prinċipji maqbula biex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiżi differenti. Dan se jikkunsidra l-isforz ġenerali ta' kull pajjiż, inklużi l-impenji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Bħala parti mill-infurzar, il-pajjiżi li ma jkimbux ir-riżultati tal-impenji finanzjarji tagħhom, jistgħu pereżempju jirċievu inqas drittijiet ta' emissjonijiet jew ikunu limitati fl-aċċess tagħhom għall-finanzjament internazzjonali pubbliku għall-klima.

Il-Kunsill Ewropew¹⁶ stabbilixxa l-prinċipji preferuti tiegħu għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji, jiġifieri 'kemm wieħed jista' jħallas' (jiġifieri l-PGD) u 'r-responsabbiltà għall-emissjonijiet' (mingħajr preġudizzju għall-qsim tal-piż intern tal-UE). Dan huwa simili għall-approċċ issuġġerit mill-Messiku biex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet għall-"Fond l-Aħdar" li ppropona huwa stess. Barra minn hekk, ġie enfasizzat li kwalunkwe sfera ta' distribuzzjoni għandha tkun 'universali', jiġifieri mhux limitata għall-pajjiżi żviluppata minħabba li illum r-responsabbiltà għall-emissjonijiet tinqasam bejn kulhadd¹⁷. Għadd limitat ta' pajjiżi żviluppata u ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma iktar avvanzati jipproduċu l-ikbar parti tal-emissjonijiet globali u għandhom l-ogħla l-PGD. L-LCDs għandhom jiġu eżentati minn kwalunkwe impenn finanzjarju.

Fir-rigward ta' dawn il-parametri, is-sehem tal-UE jista' jvarja minn madwar 10 % (jekk l-uniku kriterju użat ikun l-emissjonijiet) għal madwar 30 % (jekk l-uniku kriterju użat ikun l-PGD bil-prezzijiet tas-suq). Il-kontribuzzjoni reali tal-UE se tiddependi mill-piż relattiv mogħti lil kull wieħed miż-żewġ kriterji fil-ftehim ta' Kopenhagen. Jekk l-emissjonijiet jingħataw iktar piż meta mqabbla mal-PGD, jiġi pprovdut inċentiv addizzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, u tiġi kkonfermata azzjoni bikrija biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Madankollu, dan iwassal għal kontribuzzjonijiet relattivament oġhla mill-pajjiżi emittenti ewlenin li qed jiżviluppaw.

Fir-rigward ta' finanzjament b'bidu mgħaġġel, jekk wieħed jassumi li huwa parti mill-ftehim ġenerali ta' Kopenhagen, sehem ta' madwar 10 sa 30 % għall-UE jwassal għal varjazzjoni ta' bejn € 0.5 u 2.1 biljun fis-sena bejn l-2010 u 2012. Madankollu, meta wieħed jara l-importanza tal-bini tal-kapaċità u l-adattament bikri, l-UE għandha tikkunsidra jekk għandhiex tkun lesta li żżid il-kontribuzzjoni tagħha 'l fuq mill-medja, iż-żieda tal-finanzjament b'bidu mgħaġġel matul il-perjodu bejn l-2010 u l-2012.

Bejn l-2013 u l-2020, is-sehem tal-UE jista' jżid minn bejn € 0.9 u €3.9 biljun fis-sena sa bejn € 2 u 15-il biljun fis-sena, rispettivament, sakemm f'Kopenhagen jinkiseb riżultat ambizzjuż, isiru kontribuzzjonijiet universali minn kull pajjiż żviluppata u minn pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma iktar avvanzati ekonomikament, u li s-suq globali tal-karbonju jwettaq ir-rwol tiegħu kompletament.

¹⁶ Brussell, mit-18 tad-19 ta' Ġunju 2009

¹⁷ Ara l-Kapitolu 6 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Tabella 1: Rekwiżiti internazzjonali ta' finanzjament pubbliku annwali stmati matul il-perjodu mill-2010 sal-2020 (xenarju ta' 2 gradi), f'biljuni ta' € (bil-prezzijiet kostanti tal-2005)

	mill-2010 sal-2012 (bidu mgħagħgel)	2013	2020
Mitigazzjoni	1	3-7	10-20
<i>Enerġija u industrija</i>			3-6
<i>Agrikoltura u REDD</i>			7-14
Adattament	2-3	3	10-24
Bini tal-kapaċità	1-2	2	1-3
Riċerka teknoloġika, żvilupp u dimostrazzjoni	1	1	1-3
Total	5 – 7	9 - 13	22 – 50

3. IL-KONTRIBUZZJONI TAL-UE GĦALL-FINANZJAMENT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA

3.1. Kif tista' tikkontribwixxi l-UE

Jekk l-UE jirnexxielha tilħaq l-għan tagħha li tassigura impenji ambizzjużi dwar il-mitigazzjoni, il-finanzjament pubbliku internazzjonali jkun parti essenzjali mill-ftehim. Fil-quċċata tal-finanzjament sinifikanti pprovdut diġà għat-tibdil fil-klima bħala parti mill-għajjnuna għall-iżvilupp tal-UE, se jkun meħtieġ li l-UE tkun lesta tipprovidi finanzjament addizzjonali għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, b'mod partikolari mill-2013, u skont il-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali. Il-kontribuzzjoni għandha tkun ambizzjuża u ġusta.

L-UE tinnegozja bħala entità waħda. Hemm argumenti b'saħħithom favur li l-kontribuzzjoni tal-UE issir bħala **offerta unika globali**. Din għandha tiżgura l-koerenza u l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-UE, tippermetti li tiġi ddefinita distribuzzjoni ġusta u trasparenti ta' din il-kontribuzzjoni bejn l-Istati Membri, tippermetti l-ekonomiji ta' skala fil-ġestjoni tal-iżburżar, u ssaħħaħ il-vuċi tal-UE fl-iżgurar ta' implimentazzjoni xierqa ta' ftehim. Din għandha tippermetti l-użu tajjeb li għandu jsir mill-esperjenza tal-UE u l-kopertura kważi globali tal-assistenza eżistenti tal-UE għall-iżvilupp. Ma għandu jkun hemm l-ebda differenza fl-iskala totali tal-finanzjament tal-UE bejn is-somma tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali bilaterali li tinkludi kwalunkwe kontribuzzjoni mill-baġit tal-KE u/jew il-kontribuzzjoni konġunta tal-UE.

Filwaqt li tiġi żgurata kontribuzzjoni globali ambizzjuża u ġusta, se jkun meħtieġ ukoll li l-UE tiżgura li din l-offerta unika globali tkun organizzata b'mod effiċjenti u ġust. Essenzjalment hemm tliet għażliet, mhux esklussivi b'mod reċiproku, biex il-finanzjament tal-UE jiġi allokat:

- (1) Finanzjament dirett permezz tal-baġit tal-UE li jkun kredibbli u trasparenti. Dan għandu juri wieħed mill-istrumenti ewlenin tal-UE li jagħti prijorità partikolari lil waħda mill-isfidi politiċi ewlenin li naffaċċjaw illum. Jista' jieħu vantaġġ mir-regoli u l-proċeduri stabbiliti sew, joffri kontroll finanzjarju rigoruż, kif ukoll sfera standard għas-sors tal-finanzjament, u jippermetti wkoll lill-Parlament Ewropew li jwettaq ir-

rwol tiegħu kompletament. Meta wieħed jara l-iskala tal-finanzjament fuq il-perjodu ta' żmien medju, dan l-approċċ ikollu konsegwenzi ċari fuq id-daqs ġenerali tal-baġit u jkollu wkoll impatt ewlieni fuq il-Qafas Finanzjarju li jmiss. B'dan il-mod, il-baġit tal-UE jirrifletti b'mod adegwat l-isfida ċentrali li t-tibdil fil-klima tirrappreżenta għall-UE fid-deċennji li ġejjin.

- (2) Approċċ ieħor ikun li jiġi stabbilit Fond għall-Klima komuni ġdid li ma tagħmilx parti mill-baġit tal-UE, iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet bilaterali minn kull Stat Membru. Dan jista' joffri wkoll profil ċar għall-UE, u flessibbiltà biex tiġi mfassla sfera ta' distribuzzjoni interna ad hoc għall-finanzjament tal-kontribuzzjoni ġenerali tal-UE. Madankollu, it-tali fond ikun jeħtieġ ftehim/bażi legali intergovernattiv/a tiegħu stess, ma jkunx jagħmel parti mill-Qafas Finanzjarju u jkun lil hinn mil-limitu tar-Riżorsi Proprji. Ikun jaqsam l-iżvantaġġi tal-fondi li ma jkunux parti mill-baġit (trasparenza baxxa, bla rispett għall-prinċipji tal-għaqda tal-baġit, iktar diffiċli biex jiżgura l-koerenza mal-attivitajiet l-oħra ffinanzjati mill-baġit). L-iktar importanti, ikun iċaħħad lill-PE milli jeżerċita l-iskrutinju parlamentari.
- (3) It-tielet għażla tkun li l-Istati Membri stess jagħmlu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom direttament. Madankollu, huma jridu jiġu ppreżentati b'mod ċar bħala parti mill-offerta unika globali tal-UE.

L-isforz finanzjarju ġenerali għall-UE u l-Istati Membri tagħha għandu jkun l-istess tkun xi tkun l-għażla mill-għażliet ta' hawn fuq jew taħlita tagħhom.

L-isforzi eżistenti tal-UE għandhom jiġu kkunsidrati b'mod xieraq, filwaqt li jiġi żgurat li jinżamm il-prinċipju tal-*addizzjonalità* hekk kif l-aspetti tal-klima jiġu integrati fil-ġenerazzjoni li jmiss tal-programmi indikattivi multiannwali, b'mod partikolari skont l-istrumenti ġeografiċi favur il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

3.2. Mobilizzazzjoni tal-baġit tal-UE sal-2012

Filwaqt li l-implikazzjonijiet finanzjarji ewlenin ta' ftehim f'Kopenhagen jidħlu fis-seħħ l-iktar kmieni mill-2013, ftehim ta' suċċess għandu jkun akkumpanjat b'żieda rapida fl-appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex issir thejjiġa għat-tranżizzjoni permezz tal-bini tal-kapaċità u l-assistenza teknika. Din għandha tkun iffinanzjata parzjalment mill-baġit tal-UE, soġġetta għad-disponibbiltà tar-riżorsi.

Il-Kummissjoni diġà pproponiet € 50 miljun addizzjonali mill-baġit Komunitarju li se jmorru għall-attivitajiet b'bidu mgħaġġel fl-2010 f'każ ta' ftehim ta' suċċess f'Kopenhagen. Ammonti komparabbli jkunu meħtieġa għas-snin sussegwenti. L-identifikazzjoni tas-sorsi xierqa għal dawn il-fondi addizzjonali mhux se tkun faċli il-marġni li jibqa' huma estremament limitati u l-programmi eżistenti diġà jinsabu taħt pressjoni. X'aktarx se jkunu meħtieġa soluzzjonijiet kreattivi, u t-taħlita ideali tas-sorsi ta' finanzjament tkun teħtieġ li tiġi vvalutata kemm fid-dawl tar-riżultat tal-ftehim ta' Kopenhagen kif ukoll tad-disponibbiltajiet baġitarji.

3.3. Kontribuzzjoni ekwa tal-UE għall-ftehim ta' Kopenhagen lil hinn mill-2012

It-tieni fażi tal-finanzjament tibda topera meta l-ftehim jidħol fis-seħħ fl-2013. L-implikazzjonijiet baġitarji ta' ftehim ambizzjuż dwar il-klima f'Kopenhagen, għall-UE u l-Istati Membri tagħha, x'aktarx se jkunu sostanzjali mill-2013, jiġifieri jlaħħqu diversi biljuni ta' Ewro fis-sena. Dan joħloq kwistjoni partikolari għas-sena 2013, li għaliha diġà ġie stabbilit il-qafas finanzjarju tal-baġit tal-UE. Mill-2014 'il quddiem, din se tkun kwistjoni għall-qafas finanzjarju ġdid, li għad irid jintlaħaq qbil dwaru.

Illum, ir-responsabbiltà għall-emissjonijiet hija responsabbiltà li trid tinqasam. Filwaqt li l-ħila tal-ħlas għandha tkun element importanti biex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet għall-

isforz globali, ir-responsabbiltà għall-emissjonijiet għandha tikkostitwixxi wkoll element ċentrali ta' ftehim ġust u sostenibbli ta' Kopenġagen.

Iż-żewġ miżuri ovyji li għandhom jintużaw biex jiġi determinat il-piż relattiv, li diġà ntużaw ħafna fin-negozjati tal-UNFCCC, huma l-emissjonijiet u l-ħila tal-ħlas (PDG). Iktar kemm il-piż tal-kriterju tal-PDG ikun għoli, iktar tkun għolja l-kontribuzzjoni kumplessiva tal-UE. Li kieku l-uniku kriterju użat kellu jkun l-emissjonijiet, ul-kontribuzzjoni kumplessiva ta' finanzjament pubbliku internazzjonali fl-2013 tkun ta' € 10 biljun, il-kontribuzzjoni totali tal-UE tkun madwar € 1 biljun, u li kieku l-uniku kriterju użat kellu jkun il-ħila tal-ħlas, din il-kontribuzzjoni tlaħħaq madwar € 3 biljun.

Jistgħu jintużaw mekkaniżmi biex jiġi aġġustat il-piż fuq Stati Membri speċifiċi, .

Għandu jiġi mfakkar li minħabba t-tibdil fil-klima u l-pakkett tal-enerġija, l-Istati Membri tal-UE se jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom dħul sinifikanti mill-bejgħ b'irkant. Il-leġislazzjoni¹⁸ stabbilixxiet li mill-inqas 50 % ta' dawn ir-riżorsi għandhom jiġu riċiklati għall-finijiet domestiċi u internazzjonali tat-tibdil fil-klima. Filwaqt li huwa diffiċli li wieħed ikun preċiż dwar il-prezz tal-karbonju fil-futur u għalhekk dwar id-daqs tad-dħulijiet mill-bejgħ b'irkant, huwa stmat li li kieku l-UE tintalab li tiffinanzja € 3 biljuni fl-2013, l-ogħla livell tal-iskala, dan ikun jammonta għal bejn 7 u 20 % tad-dħul totali mill-bejgħ b'irkant. Għalhekk, kieku jkun kopert sew mid-dħulijiet li jmorru fit-teżori tal-gvern mill-politiki tat-tibdil fil-klima.

4. PJAN EWROPEW GĦAL GOVERNANZA DEĊENTRALIZZATA U MINN ISFEL GĦAL FUQ TA' FINANZJAMENT TAL-KLIMA

Sabiex jinkisbu l-għanijiet ambizzjużi u globali tal-politika għat-tibdil fil-klima, il-forniment u t-tqassim tal-finanzjament tal-klima, inkluż il-finanzjament pubbliku, iridu jiżiedu b'mod sinifikanti u rapidu bejn l-2010 u l-2020. Dan il-kapitolu jipprovi għal pjan Ewropew bi struttura ta' governanza deċentralizzata u minn isfel għal fuq li huwa r-riżultat ta' diskussjonijiet intensivi mal-imsieħba li qed jinneogzjaw madwar id-dinja kollha u jibni wkoll fuq l-esperjenza ta' kooperazzjoni estiża tal-UE¹⁹.

Biex struttura ta' governanza ġenerali tkun effiċjenti, effettiva, u ekwa, jeħtiġilha tibni fuq is-sjeda, is-sussidjarjetà, il-koerenza, it-trasparenza, il-kontabbiltà, l-ippremjar tal-prestazzjoni, l-addizzjonalità u l-kumplimentarjetà.

Għall-mitigazzjoni, il-pjan Ewropew jipprevedi bħala għodod ewlenin pjanijiet ta' tkabbir b'użu baxx tal-karbonju mmexxija mill-pajjiżi, li jintegraw l-azzjonijiet xierqa tal-mitigazzjoni nazzjonali kollha, l-analiżi teknika ex-ante tal-azzjonijiet appoġġati, reġistru ċentrali aġġornat tal-azzjonijiet kollha u l-appoġġ finanzjarju, inventarji annwali tal-emissjonijiet, li jirrappurtaw permezz tal-Komunikazzjonijiet Nazzjonali mtejba, u analiżijiet *inter pares* regolari. Il-proċess se jkun appoġġat minn mekkaniżmu indipendenti ta' koordinazzjoni.

Barra minn hekk, il-pjanijiet ta' tkabbir b'użu baxx tal-karbonju għall-perjodu ta' żmien fit-tul għandhom jiġu ppreżentati mill-pajjiżi kollha sal-2011. Filwaqt li ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu għal-LDCs, huma għandhom madankollu jkun inkuraġġati li jersqu lejn dan l-għan fi żmien iktar flessibbli u b'appoġġ xieraq. Sal-2011, l-UE se tippreżenta wkoll l-istrateġija tagħha ta' perjodu ta' żmien fit-tul sal-2050.

¹⁸ Id-Direttiva 2009/29/KE.

¹⁹ Ara l-Kapitolu 8 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Għall-adattament, qed jiġi previst approċċ simplifikat minn isfel għal fuq, li jitlob integrazzjoni gradwali tal-adattament fl-istrateġiji nazzjonali ta' żvilupp/fil-pjanijiet għall-qedda tal-faqar, fil-koordinazzjoni regolari tal-appoġġ tal-pajjiż, fir-rappurtar regolari permezz tal-Komunikazzjonijiet Nazzjonali u fl-iskambju ta' prassi tajba.

Il-vantaġġ ewlieni ta' dan l-approċċ deċentralizzat minn isfel għal fuq huwa li jibni fuq l-istituzzjonijiet eżistenti, riformati u msaħħa kif xieraq, u fuq l-istrutturi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw (f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-effettività tal-għajnuna) u jevita li johlqo strutturi paralleli. Diġà llum, għadd sinifikanti ta' inizjattivi bilaterali u multilaterali jistgħu jkunu mfixkla billi jiġu sfurzati jidħlu fi struttura ċentralizzata kbira. Sistema deċentralizzata bbażata fuq proposti mmexxija mill-pajjiżi tippermetti lill-kontributori grad ogħla ta' diskrezzjoni fuq l-użu effiċjenti tal-kontribuzzjonijiet tagħhom u għalhekk, x'aktarx tinkuraġġixxi kontribuzzjoni ikbar milli tkun mistennija fil-każ ta' fond multilaterali wieħed ewlieni ċentrali. Madankollu, dan ma jeskludix fond komplimentari ġdid, bħall-Fond l-Aħdar tal-Messiku propost, jekk dan iżid il-valur.

Informazzjoni aġġornata tar-reġistru, kif ukoll rappurtar regolari, jiġifieri permezz tal-inventarji annwali tal-emissjonijiet u l-Komunikazzjonijiet Nazzjonali, tippermetti lill-UNFCCC tidentifika n-nuqqasijiet u l-iżbilanċi fil-finanzjament tal-mitigazzjoni u l-azzjonijiet tal-adattament. L-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet għandu jiġi ffaċilitat permezz ta' Forum internazzjonali ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament Internazzjonali tal-Klima li jippreżenta kompetenzi pubbliċi u privati f'dan il-qasam. Dan il-forum, b'rappreżentazzjoni bilanċjata ta' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet minn pajjiżi żviluppati u li qed jiżviluppaw u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, għandu jipprevedi u jagħti gwida politika lill-fondi tal-UNFCCC, lill-aġenti ta' finanzjament multilaterali u lill-aġenziji ta' kooperazzjoni bilaterali biex jiżgura distribuzzjoni ekwa ta' finanzjament madwar il-pajjiżi u prijoritajiet ta' nfiq għall-mitigazzjoni u l-adattament.